MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 951/14LM

**Marco Borg (K.I. 0567565M)**

***vs.***

**Piero Drago (K.I. 0507991M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2014 mill-attur **Marco Borg** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

***DIKJARAZZJONI***

1. *Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlettax (2013), seħħ inċident stradali ġewwa Dawret San Pawl il-Baħar bejn il-mutur tat-tip Yamaha YZFR1 bin-numru*

*ta' reġistrazzjoni MAR-046 misjuqa mir-rikorrent Marco Borg u l-vettura tat-tip FIAT Ritmo bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ-916 misjuqa mill-intimat Piero Drago (vide Incident Report anness u mmarkat bħala 'Dok A'*[1]*);*

2. *Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat li mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, biddel il-lane u baqa' dieħel fir-rikorrent waqt li kien qed isuq il-mutur MAR-046;*

3. *Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, Marco Borg safa imweġġa' gravament u ser jibqa' permanentement debilitat (vide Rapport Mediku annesss u mmarkat bħala 'Dok B'*[2]*), u dan oltre d-danni materjali minnu sofferti kkaġunati kif imfisser;*

4. *Illi l-konvenut bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

5. *Illi l-istanti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

***Raġuni tat-Talba:***

1. *Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlettax (2013), seħħ inċident stradali ġewwa Dawret San Pawl il-Baħar bejn il-mutur tat-tip Yamaha YZFR1 bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR-046 misjuqa mir-rikorrent Marco Borg u l-vettura tat-tip FIAT Ritmo bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ-916 misjuqa mill-intimat Piero Drago (vide Incident Report mal-preżenti anness u mmarkat bħala 'Dok A');*

2. *Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat li mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, biddel il-lane u baqa' dieħel fir-rikorrent waqt li kien qed isuq il-mutur MAR-046;*

3. *Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, Marco Borg safa imweġġa' gravament u ser jibqa' permanentement debilitat (vide Rapport Mediku mal-preżenti annesss u*

---

[1] *A fol.* 4 sa 15.
[2] *A fol.* 16 sa 21.

*mmarkat bħala '**Dok B**'),* *u dan oltre d-danni materjali minnu sofferti kkaġunati kif imfisser;*

4. *Illi l-konvenut bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

5. *Illi l-istanti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

***Talbiet***

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjarah responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fl-ewwel (1) ta' Mejju, elfejn u tlettax (2013), ġewwa Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, u għad-danni li b'riżultat tal-istess sofra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundannah iħallas lir-rikorrent dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bħala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-lum stess maħruġa kontra l-assigurazzjoni tal-intimat u bl-imgħax skont il-liġi kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Piero Drago** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2014, li biha eċċepixxa:

1. *ILLI t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent, u dana stante illi l-inċident inkwistjoni ma seħħx b'xi tort tal-intimat iżda unikament tort tar-rikorrent stess, u minħabba traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-*

*kawża, u hekk kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

2. *ILLI jirriżulta illi r-rikorrent diġà kien involut f'inċidenti preċedenti waqt illi kien qed isuq il-mutur tiegħu, u għaldaqstant, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, għandu jipprova illi d-danni pretiżi minnu – inkluża kull debilitá fiżika – huma riżultat esklussivament u unikament tal-inċident awtomobilistiku mertu ta' dina l-kawża. Jiġi rilevat illi skont ir-rapport mediku mħejji mill-konsulent mediku mqabbad minnu stess, ossija Mr Massimo Abela, hemm ukoll riferenzi għal xi ġrieħi u ksur illi r-rikorrent sofra fil-passat, u r-rikorrent għandu għalhekk jispjega fid-dettal iċ-ċirkostanzi kollha tiegħu tal-passat u li fihom safa' mweġġa';*

3. *ILLI jsegwi għalhekk illi d-danni pretiżi mir-rikorrent, kemm damnum emergens, u wisq iżjed lucrum cessans huma kkontestati, inkluż il-konklużjonijiet tal-konsulent mediku Mr Massimo Abela, u kwindi r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova d-danni allegatament sofferti minnu; u fin-nuqqas ta' tali prova ma għandu jkun hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati a favur tiegħu;*

4. *ILLI subordinatament għat-tielet eċċezzjoni, u mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba r-rikorrent diġà tħallas kwalunkwe somma minn kwalunkwe sors ieħor, sew privat jew pubbliku, inkluż id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali, tali ammonti għandhom jitnaqqsu minn kwalunkwe somma;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif permess mil-liġi.*

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2015, fejn fuq talba tal-partijiet Mr Ray Gatt ġie maħtur bħala espert mediku f'din il-kawża sabiex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq is-saħħa tal-konvenut u jekk dan ġarrabx xi debilità premanenti konsegwenza tal-istess inċident u f'liema grad. In vista tal-inċident preċedenti li kellu l-attur, l-espert mediku ntalab jirrelata unikament dwar l-effetti tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Ray Gatt.[3]

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' April, 2017, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għall-5 ta' Lulju, 2017 għas-sentenza. Rat ukoll id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2017 fejn fuq talba tal-attur estendiet it-terminu għall-preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur Marco Borg, jallega li meta fl-ewwel (1) ta' Mejju, 2013 kien qiegħed isuq il-mutur *Yamaha R1* numru ta' reġistrazzjoni MAR-046 f'Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, Piero Drago, sewwieq tal-vettura FIAT *Ritmo* bin-numru ta' reġistrazzjoni LAJ-916 baqa' dieħel ġo fih meta biddel il-*lane* mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, u kkawżalu danni kemm fil-mutur u kemm fuq persuntu konsegwenza ta' liema huwa sofra debilità permanenti. L-attur jgħid li dan l-

[3] *A fol.* 202 sa 207.

inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jgħid li l-attur kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut jikkontendi li l-attur irid jipprova d-danni pretiżi minnu, inkluża kull debilità fiżika huma riżultat esklussivament u unikament tal-inċident mertu ta' din il-kawża, stante li huwa kien diġà involut f'inċident preċedenti.[4] Il-konvenut jgħid ukoll illi id-danni pretiżi huma kontestati, kemm bħala *damnum emergens* u wisq iktar il-*lucrum cessans*[5]*,* u kemm-il darba l-konvenut diġà tħallas kwalunkwe somma minn kwalunkwe sors ieħor, sew privat jew pubbliku, tali ammonti għandhom jitnaqqsu.

**<u>Provi u riżultanzi dwar id-dinamika u r-responsabbiltà għall-inċident</u>**

L-attur **Marco Borg**, kif jirriżulta mill-*full road traffic accident report*[6] stqarr lill-Pulizija wara l-inċident[7] li kien qed isuq il-mutur fuq il-*lane* ta' barra (fuq il-lemin tiegħu) u ħarġet f'daqqa waħda il-vettura l-oħra mill-*lane* ta' ġewwa għal-*lane* ta' barra. Mill-istess rapport jirriżulta li l-ħsarat viżibbli fuq il-mutur kienu fuq quddiem u l-ġnub sal-*handlebars* u fuq il-*fuel tank* aktar fuq ix-xellug u jkomplu fuq *il-frame* u *l-foot rest* u l-*foot rest* tal-passiġġier, kollha fuq ix-xellug.

[4] Ara s-sentenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ *a fol.* 185 sa 195, 09.05.2010 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *et vs.* Marco Borg** dwar inċident tat-traffiku li kien seħħ fit-30 ta' Awwissu, 2006.
[5] Skont ir-rapport tat-tabib ortopediku inkarigat mill-attur, Mr Massimo Abela, l-attur kellu diżabilità permanenti ta' 30%.
[6] Il-kopja ippreżentata mill-attur *a fol.* 4 sa 15 u l-kopja ppreżentata minn PS Christopher Raymond Debono *a fol.* 118 sa 126.
[7] *A fol.* 8 u 122.

L-attur xehed[8] li kien waħdu fuq il-mutur u kien qed isuqu b'madwar 75 kph. Kien hemm ukoll ħabib tiegħu Alviro Borg Buontempo fuq mutur ieħor xi ftit metri 'l bogħod minnu, li ra l-inċident għax fejn seħħ l-inċident, it-triq hi *two-lane* u dritta. Marco Borg jgħid li kien fuq il-*lane* ta' barra fuq il-lemin, ċjoè dik ta' mas-*centre-strip* u fuq il-*lane* tax-xellug kien hemm żewġ vetturi wara xulxin u kif għaddiet l-ewwel vettura, it-tieni vettura li kienet fuq quddiem, mix-xellug bla ebda indikazzjoni u sinjali qasmitlu f'salt fuq il-*lane* tiegħu. Peress li d-distanza bejn din il-vettura u l-mutur tal-attur kienet tul ta' vettura, l-attur ma kellu ebda żmien biex jibbrejkja. Bil-ħasda l-attur ipprova jisskapula din il-vettura, imma saqajh ix-xellugija nqabdet mal-*mudguard* ta' wara tal-vettura tal-konvenut, u bl-impatt inkiser l-i*steering* tal-mutur u hu tar minn fuq il-mutur u beda jdur fit-triq, filwaqt li l-mutur tal-attur baqa' jitkaxkar mal-*barrier*.

In kontroeżami l-attur jgħid li dakinhar kien il-Ħadd[9] u kien sejjer Golden Bay jieħu kafè ma' dilettanti oħrajn tal-muturi. L-attur jgħid li hu kien fil-karreġġjata ta' barra u aktar lejn il-lemin tagħha. Marco Borg jgħid li l-vettura tal-konvenut ġiet kompletament fuq il-*lane* tiegħu u hu resaq eżatt mal-*barriers* fuq il-lemin tiegħu u l-inċident seħħ fuq il-karreġġjata ta' barra u l-vettura tal-konvenut baqgħet mixja miegħu u waqfet ftit imdawwra lejn ix-xellug. L-attur jgħid illi l-inċident li kellu qabel kien xi għoxrin sena ilu jew aktar.

[8] Affidavit *a fol.* 97.
[9] Fil-fatt dakinhar ma kienx il-Ħadd imma l-Erbgħa, btala pubblika, l-1 ta' Mejju, 2013.

Fix-xhieda tiegħu **Alviro Borg Buontempo**[10] jikkonferma li dakinhar tal-inċident kien qed isuq il-mutur tiegħu fuq il-*fast lane* flimkien mal-attur li kien fuq mutur ieħor xi 10 sekondi warajh meta kienu fil-*by-pass* ta' San Pawl il-Baħar. Ix-xhud jgħid li hu kien qed iħares 'il quddiem imma mill-mera seta' jara id-dawl tal-mutur tal-attur. F'daqqa waħda ix-xhud mill-mera ra l-mutur tal-attur jitkaxkar mal-*barrier*. Ix-xhud waqaf mill-ewwel, niżel minn fuq il-mutur u telaq jiġri lura u sab lill-attur mal-art maġenb karozza bejn it-tul tal-bibien ta' din il-vettura li kienet angolata lejn ix-xellug. Borg Buontempo ra wieħed anzjan barra l-karozza u xi anzjani oħrajn fil-karozza. In kontroeżami x-xhud jgħid[11] li meta seħħ l-inċident, huwa kien xi 40 jew 50 metru 'l bogħod mill-attur. Ix-xhud jgħid ukoll illi jaħseb li kien hemm xi vetturi bejnu u bejn l-mutur tal-attur u jikkonferma li ma rax il-ħabta, anzi jgħid li ma jafx jekk l-attur kienx il-ħin kollu warajh fuq il-*fast lane.*

Xehed ukoll **Gordon Schembri**[12], li jgħid li kien qed isuq il-karozza tiegħu Toyota Windy NEI 117 fit-triq fejn seħħ l-inċident fis-*slow lane,* direzzjoni lejn Għajn Tuffieħa. Fuq il-*fast lane* għaddew xi għoxrin mutur, ftit wara vann u mutur ieħor aħmar bi strixxi bojod. Ix-xhud jgħid li kien qed isuq wara vettura oħra FIAT li qabdet u daret għal fuq il-*fast lane* bla ma xegħlet l-*indicator* u ħabtet ma' dan il-mutur li baqa' jitkaxkar, bid-*driver* tal-mutur itir minn fuqu. Ix-xhud jgħid li fost in-nies li kien kellem fuq il-post, kien kellem lil sieħeb l-attur li kien qallu x'kien jismu l-attur. Ix-xhud ma kienx kellem lill-Pulizija fuq il-post tal-inċident biex jagħtihom l-informazzjoni li kellu dwar id-dinamika tal-inċident. Ix-xhud jgħid li kien ħa interess f'dan il-każ u lill-attur kien mar jarah l-isptar. Però kien meta ra lill-attur xi tliet xhur wara f'Golden Bay li qallu li

[10] Affidavit *a fol.* 99.
[11] *A fol.* 138 sa 139.
[12] Affidavit *a fol.* 100.

kien ra l-inċident u dan talbu jixhed fil-kawża. In kontroeżami x-xhud jgħid[13] li l-mutur involut fl-inċident kien għadu fuq il-karreġġjata ta' barra u kif għadda lilu, il-vettura tal-konvenut ħarġet jew bdiet ħierġa fil-karreġġjata ta' barra mingħajr ma xegħlet l-*indicator* u ħabtet mal-mutur li baqa' jitkaxkar, bid-*driver* tal-mutur itir minn fuqu. Ix-xhud jgħid li l-vettura tal-konvenut spiċċat wieqfa bejn il-*lanes* f'nofs it-triq.

Xehed ukoll is-surġent PS 830 **Christopher Raymond Debono**[14], li ppreżenta r-rapport tal-inċident li seħħ fl-1 ta' Mejju, 2013 ftit qabel l-għaxra ta' filgħodu. L-i*sketch* li hemm mar-rapport[15] għamilha hu stess. Minnha jirriżulta li l-*point of impact* li hu seta' jikkonstata mid-*debris* mal-art kienet fuq il-*lane* ta' ġewwa iżda viċin il-*broken centre line.* Il-vettura tal-konvenut kienet għadha fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u skeċċja l-ħsarat fuq parti minn wara tal-vettura sal-*mudgard* u r-rota ta' wara fuq il-lemin tagħha. Fil-fatt bħala ħsarat viżibbli fil-vettura tal-konvenut, ix-xhud seta' jikkonstatata ħsarat fil-*back bumper,* fil-*back right wing,* fil-*back right wheel u* fir-*right tail light.* Ix-xhud jgħid li l-karozza kienet wieqfa 34 metru 'l fuq mill-i*spot of impact* u l-attur kien 36 metru 'l bogħod mill-i*spot of impact* u kien spiċċa fin-nofs tal-karreġġjata tal-lemin. Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-mutur kien 70 metri 'l bogħod mill-i*spot of impact,* fuq il-karreġġjata tal-lemin fix-xifer tagħha mar-*railings.* Ix-xhud jgħid li mill-i*spot of impact* ma kienx hemm *brakemarks,* però kien hemm xi sliħ tal-mutur meta żelaq. In kontroeżami x-xhud ikkonferma l-affidavit li kien għamel hu stess meta kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-attur.[16]

[13] *A fol.* 141 sa 144.
[14] *A fol.* 108 sa 112.
[15] *A fol.* 126.
[16] *A fol.* 127.

Il-konvenut **Piero Drago**, fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija eżatt wara l-inċident[17], qal li kien f'Dawret San Pawl fil-*lane* ta' ġewwa u għadda minn ħdejh mutur bi *speed* qawwi ħafna u ftit sekondi wara ħass daqqa fuq wara tal-karozza u ra mutur ieħor għaddej imkaxkar minn ħdejh. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid[18] li jiftakar li kien fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u warajh jiftakar kien hemm karozza bajda misjuqa minn mara. Il-konvenut jgħid li f'daqqa waħda min-naħa tal-lemin tiegħu għadda mutur b'veloċità qawwija u fl-istess ħin sema' ħoss kbir u ħass daqqa kbira fil-ponta leminija tan-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu u fil-fatt bil-ħasda ma waqafx mill-ewwel iżda saq xi tletin metru. Hekk kif ħareġ mill-karozza ra persuna mal-art fin-nofs tal-karreġġjata tal-lemin. Il-konvenut isostni li fl-ebda mument ma kien ser ibiddel il-*lane* u l-impatt seħħ fuq il-*lane* tiegħu, ċjoè dak tax-xellug u dan kif jidher fl-iskizz anness mar-rapport tal-Pulizija.

Xehed ukoll **Max Borg Bonello**, *deputy manager* fil-*Motor Claims Department* tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, li kienet is-soċjetà assiguratriċi tal-vettura tal-konvenut li kienet assigurata *"third party only"*. Ix-xhud ippreżenta kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Marco Borg** tat-12 ta' Ġunju, 2014[19], minfejn jirriżulta li l-akkużat, l-attur odjern, instab ħati li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat mal-vettura tal-konvenut odjern u kkaġuna ħsarat fuq l-imsemmija vettura għad-dannu tal-konvenut odjern, u dan in vista tal-kredibilità tax-xhieda tal-parti ċivili, il-konvenut odjern, li tikkonbaċja mal-iskizz tal-Pulizija.

[17] *A fol.* 5 u 119.
[18] *A fol.* 153.
[19] *A fol.* 158 u 159. Vera kopja ġiet esebita wkoll minn Dr Elizabeth Quintano, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali *a fol.* 200.

Xehdet ukoll **Antonella Drago**[20] li kienet passiġġiera mal-konvenut fil-mument tal-inċident. Hija li kienet fuq is-*seat* ta' wara tal-karozza, wara missierha, il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura. Ix-xhud tgħid li missierha ma kienx qed isuq bi *speed* qawwi. Hi l-ewwel rat *mutur* għaddej bi *speed* qawwi min-naħa tagħha u wara semgħet mutur ieħor ġej bi *speed* qawwi wkoll u daħal fihom minn wara fuq in-naħa fejn kienet hi, il-mutur għola mal-vettura u mbagħad ix-xufier tar minn fuq il-mutur. Ix-xhud tgħid li wara l-inċident mill-karozza ta' warajhom ħarġet tfajla li kellmitha eżatt wara l-inċident u staqsiethom kif kienu u f'din il-karozza kien hemm biss mara li kienet qed issuq u mhux raġel. In kontroeżami x-xhud tgħid li huma kienu l-ħin kollu fuq il-*lane* ta' ġewwa u missierha bl-ebda mod ma kien qed jaqbeż xi vetturi jew ibiddel il-karreġġjata.

**Provi dwar danni sofferti mill-attur**

L-attur esebixxa kopja tar-rapport finali tal-intervent li kellu jagħmel l-Ingilterra fin-Nuffield Orthopaedic Centre[21], kif ukoll għadd ta' irċevuti dwar spejjeż ta' mediċini, tobba, apparat mediku u terapija li kellu jagħmel tul dawn is-snin minħabba l-korriment li ġarrab konsegwenza tal-inċident inkwistjoni[22], għas-somma komplessiva ta' €5,395.64.

L-attur flimkien mar-Rikors Maħluf tiegħu, ippreżenta rapport mediku ta' Mr Massimo Abela, *Orthopaedic* u *Trauma Surgeon*[23], li wasal għall-konklużjoni li

[20] A fol. 163 sa 168.
[21] *A fol.* 40 u 41.
[22] *A fol.* 46 sa 70 u *a fol.* 233 sa 268.
[23] *A fol.* 16 sa 21.

b'konsegwenza tal-inċident tal-1 ta' Mejju, 2013, l-attur sofra ġrieħi gravi konsistenti fi:

> *"1. Fracture of the left ulna.*
>
> *2. Open fragmented fracture of the left distal femur.*
>
> *3. Fracture of the left fibular head associated with an injury to the ċommon peroneal nerve."*

L-espert mediku *ex parte* Mr Massimo Abela jgħid li l-attur ġie sottopost għal diversi interventi kirurġiċi u minħabba l-kumplessità tal-korrimenti sostnuti mill-attur fis-sieq ix-xellugija, kellu jagħmel diversi interventi oħra l-Ingilterra. Mr Abela jgħid li l-attur għadu jzappap u ma jistax jimxi *"unaided"* u:

> *"has marked functional limitatons. The stiffness in the knee is permanent and unfortunately not surgically remediable. He has also been left with a residual footdrop and secondary equinus contracture of the ankle secondary to the injury to the common peroneal nerve. The fracture of the ulna has healed with no residual deficit except for the tenderness over the scar."*

Fir-rapport tiegħu Mr Abela jasal għall-konklużjoni li l-attur għandu diżabilità permanenti ta' tletin fil-mija (30%).

L-espert mediku maħtur mill-Qorti, il-kirurgu ortopediku Mr Ray Gatt fir-rapport tiegħu jgħid[24], illi mill-eżami li għamel fuq l-attur fis-6 ta' April, 2016, jirriżulta li l-attur kellu diżabilità fiżika permanenti ta' 16% bħala riżultat tal-inċident tal-1 ta' Mejju, 2013, li qasamha b'dan il-mod: 8% fuq l-immobilità

[24] *A fol.* 202 sa 205.

tal-irkoppa tax-xellug, 2% minħabba d-diskrepanza fil-ħxuna tal-muskoli taż-żewġ saqajn u 6% minħabba l-problemi tal-għaksa tax-xellug.

Prodott in eskussjoni mill-attur[25], Mr Ray Gatt spjega li għalkemm l-attur f'idejh ix-xellugija għandu l-*plates* u l-viti, ġie lura għan-normal f'dik l-id u l-movimenti f'dik l-id kienu kollha hemmhekk. Mr Gatt jgħid li llum il-frattura fieqet u jistgħu jitneħħew il-*plates* u l-viti, però fil-fehma tiegħu la huma ġewwa, jistgħu jibqgħu hemm. Dan m'għandux x'jaqsam ma' artrite u kien biss kieku l-pjanċa kienet qed tagħtih xi problemi li kien ikun bżonn li titneħħa. In kontroeżami Mr Gatt jgħid li għar-rigward tal-*past medical history* tal-attur qabel l-inċident, huwa kien qagħad fuq li qallu l-attur stess, iżda għar-rigward tal-artrite li jidher li kellu l-attur, din ma kellha ebda impatt fuq il-perċentwal li tah ta' sittax fil-mija (16%).

**Rennie Grech,** rappreżentant tal-kumpannija Industrial Projects Services Limited (IPSL), xehed[26] li l-attur kien jaħdem mal-kumpannija IPSL u fl-2013 l-attur kien jaqla' €11,630 bħala paga bażika u €698.76 bħala *allowance.* Mid-dokumentazzjoni prodotta minn dan ix-xhud[27] jirriżulta li fl-2013 l-attur kien on *sick leave* għal 172 ġurnata *on full pay.* Fl-2014 l-attur kellu €11,781.09 bħala paga bażika u €698.76 *allowance,* u kellu 40 ġurnata *sick leave on full pay* u 41 ġurnata mingħajr paga. Fl-2015 l-attur kellu paga bażika ta' €12,046 u *allowance* ta' €698.76. Ix-xhud jgħid li xogħol l-attur kien l-aktar mal-PAHRDU, il-*Public Administration, Human Resources and Development Unit,* bħala

[25] *A fol.* 227 u 228.
[26] *A fol.* 113 sa 115.
[27] *A fol.* 128 sa 133.

xufier/messaġġier u llum l-impjegati tal-IPSL ġew imdaħħla fl-iskali tas-salarji taċ-Ċivil.

Dwar il-ħsarat fil-mutur tiegħu, l-attur esebixxa kopja tas-*survey report*[28] li sar għan-nom ta' GasanMamo mill-*estimator* David Mifsud, li sar fit-23 ta' Settembru, 2013, minn fejn jirriżulta li l-mutur tal-attur li kien *Yamaha R1* tal-2007 minħabba l-ħsarat li kellu, dejjem jekk jiġi stabbilit li r-responsabbilità għall-inċident kienet tal-assigurat tagħhom, ġie propost li l-attur jitħallas is-somma ta' €7,000 u jħallulu l-mutur u dan stante li l-*pre-accident market value* tiegħu tal-mutur kien ta' €8,500.

L-attur esebixxa wkoll żewġ irċevuti fiskali[29], bħala konferma tal-ħlas għal servizzi professjonali konsistenti f'pariri legali in konnessjoni mal-każ odjern, li jammontaw għal €100.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu jikkontendi li l-inċident inkwistjoni ma seħħx b'xi tort tiegħu iżda unikament tort tal-attur stess, u minħabba traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, hekk kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal. Il-konvenut esebixxa kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn wara li l-Pulizija kienu ħarrku lil Marco Borg abbażi ta'

[28] *A fol.* 71 sa 95.
[29] *A fol.* 45.

dak li rriżultalhom mill-iskizz tas-Surġent Christopher Raymond Debono, u sussegwentement Borg instab ħati li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat mal-vettura tal-konvenut odjern u kkaġuna ħsarat fuq l-imsemmija vettura għad-dannu tal-konvenut odjern. Marco Borg instab ħati in vista tal-kredibilità tax-xhieda tal-parti ċivili, il-konvenut odjern, li kienet tikkonbaċja mal-iskizz tal-Pulizija.

Illi għandu jingħad però li kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maruice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[30], li:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

*Del resto* l-artikolu 6 tal-Kapitolu 9 stess jirrikonoxxi li att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli**[31] ntqal hekk:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, <u>iżda l-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti"</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża

[30] P.A., 26.01.2001.
[31] Q.A., 31.05.2013.

> **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[32], intqal b'adeżjoni ma' gurisprudenza anterjuri, li "ma hemm xejn ħażin li gudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi migbura fi proċediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għal esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija minn Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq l-istess fatti. Dik il-Qorti però enfasizzat li dik kienet biss waħda mill-provi li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni.[33]

Kwantu għal grad tal-prova rikjesta fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25/02/1952).[34]

Fil-każ odjern ġiet esebita s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li qieset il-verżjoni tal-parti ċivili, il-konvenut odjern, bħala iżjed verosimili u li tikkombaċja mal-iskizz tal-Pulizija.

---

[32] P.A., 28.01.2010.
[33] Ara wkoll f'dan is-sens, **Pace *vs.* Camilleri**, App., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, App., 30.04.2009.
[34] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta) Limited *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

Tqis però illi fil-proċeduri odjerni jeżistu kontradizzjonijiet fil-verżjonijiet taż-żewġ partijiet. L-attur min-naħa tiegħu jgħid li kien il-konvenut li daħal f'salt mingħajr ma xegħel l-*indicator* fil-kareġġjata tiegħu u ġab lill-attur fl-impossibbilità li jevitah minħabba din l-manuvra inaspettata tal-konvenut, liema manuvra saret hekk kif l-attur kien biss it-tul ta' karozza warajh fil-karreġġjata l-oħra. Din il-verżjoni tal-attur ġiet ikkorroborata minn xhud, ċertu Gordon Schembri, li jgħid li kien qed isuq wara l-konvenut imma fis-*slow lane* u ħa interess fil-każ u fix-xhieda tiegħu bażikament jikkorrabora l-verżjoni tal-attur.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jgħid li hu baqa' fuq il-karreġġjata tax-xellug u kien l-attur li laqtu fuq in-naħa ta' wara tal-karozza, fil-ġenb tal-lemin. Ix-xhud Antonella Drago, bint il-konvenut li kienet passiġġiera fis-*seat* ta' wara fil-vettura tal-konvenut, tgħid illi wara l-inċident, mill-karozza ta' warajhom ħarġet tfajla li kelmitha eżatt wara l-inċident. Ix-xhud tgħid li f'din il-karozza ta' warajhom minn fejn ħarġet it-tfajla li kellmitha, kien hemm biss ommha li qed issuq, kuntrarju għal dak illi qal fix-xhieda tiegħu x-xhud Gordon Schembri li qal li kien qed isuq eżatt wara l-karozza tal-konvenut meta ra jseħħ l-inċident quddiemu.

Rinfaċċjata b'tali sitwazzjoni u verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħrajn, għal dik li hija kredibbiltà u konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[35] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet.[36] Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif kien ingħad mill-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[37]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c.** ***noe vs*****. Victor Sammut** irreteniet illi:

[35] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf., 25.06.1980.
[36] Ara wkoll **Caruana *vs*. Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs*. Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs*. Petrococchino,** App. Kumm., 25.02.1952.
[37] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[38]"

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella**[39] ġie ritenut li:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

[38] Ara ukoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[39] Q.A., 05.10.2001.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna** ***vs.*** **Philip Azzopardi**[40] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont

[40] App. Inf., 12.04.2007.

> ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[41] ngħad ukoll:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Applikati dawn il-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, għall-fattispeċji tal-kawża odjerna, jirriżulta mill-iskizz[42] li sar mis-Surġent PS Christopher Raymond Debono, xhud ċertament indipendenti mill-partijiet, l-i*spot of impact* li dan l-uffiċjal tal-Pulizija seta' jikkonstata mid-*debris* fil-karreġġjata tax-xellug. Dan l-iskizz juri wkoll fejn spiċċa l-attur kif ukoll fejn spiċċa l-mutur tal-attur. Kemm l-attur u kemm il-mutur tiegħu spiċċaw fil-karreġġjata tal-lemin, li jindika li anzi kien l-attur li kien qed jittenta jaqla' mill-karreġġjata ta' ġewwa għall-karreġġjata ta' barra. Id-distanza fejn spiċċa l-mutur, meta kien diġà maqlub, sebgħin (70) metru 'l bogħod mill-i*spot of impact* minnha nnifisha tindika li l-mutur tal-attur kien għaddej b'veloċità eċċessiva, bil-konsegwenza li ma kkalkulax it-traettorja meta ġie biex jikser għal fuq il-*lane* ta' barra u ħabat man-naħa ta' wara tal-vettura tal-konvenut,

---

[41] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

[42] *A fol.* 126.

liema vettura kif tidher fl-iskizz, mhuwiex minnu li daħlet fil-*lane* ta' barra u b'xi mod reġgħet daret għal-*lane* ta' ġewwa wara l-ħabta.

Rigward l-i*speed eċċessiv* kif dan jista' jkun relatat mar-responsabbiltà o meno għal inċident tat-traffiku, jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Pace *et vs.* Antoine Bartolo *et***[43]:

> "Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċità eċċedenti l-i*speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa m'għandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjetà purche l-i*speed* tiegħu ma jkunx dak li jista' jissejjaħ "sfrenat". (**S. Mizzi *vs.* J. Grech** 23.03.72 u **A. Bartolo *vs.* K. Micallef** 16.02.73).
>
> "Fil-każ in eżami l-konvenut ħalla *brakemarks* ta' 30 metru *plus* ħabat mal-ħajt imbagħad maż-żiemel u għollieh...... Iżda l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dana l-każ, u minħabba l-fatturi ambjentali, l-i*speed* li kien għaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tiegħu kkontribwixxa u aggrava l-inċident.
>
> *Speed* jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." App Krim **Pul. *vs.* R. Bugeja** 30.06.1962.....
>
> Hu kellu jsuq b'mod li jista jwaqqaf il-karozza tempestivament. Il-*brakemarks* li ħalliet ir-Renault, id-daqqa mal-bankina u fuq iż-żiemel kollha jindikaw li hu ma kienx qed isuq bi *speed* prudenti f'dawk iċ-ċirkostanzi u minħabba f'hekk ma setgħax jirreaġixxi tempestivament meta sab l-ostakolu quddiemu. Din is-*self inflicted incapacity* aggravat l-inċident.
>
> Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li tar-Renault ikkontribwixxa għall-inċident iżda t-tort prinċipali ma kienx tiegħu iżda tal-Lada li kien il *causa causans*

[43] Q.A., 25.09.2006.

ta' l-inċident. Tar-Renault għandu jeħel kwart mit-tort billi jaħti inqas minn tal-Lada."

Illi anki fil-każ odjern, l-i*speed* eċċessiv li bih kien għaddej l-attur, x'aktarx biex jilħaq lil sieħbu li kien kważi għaxar sekondi qablu, kien il-fattur determinanti u uniku li kkaġuna l-inċident *de quo*. Mhux biss, il-konvenut jidher li ma għamel ebda manuvra inaspettata u kien qed isuq normali, u anki jekk ittenta jaħseb biex jaqla' għal-*lane* ta' barra filwaqt li kien għadu fil-karreġġjata ta' ġewwa, kien l-istess attur li ġie minn warajh bi *speed* li laqat il-konvenut fil-karreġġjata ta' ġewwa, anki jekk viċin il-*broken centre line*. L-attur stess jgħid li t-triq kienet dritta u allura ma kellu xejn quddiemu li jimpedih milli jiskapula l-vettura li kellu quddiemu salv is-*self inflicted incapacity* li ġabha fuqu istess l-attur bil-veloċità li kien għaddej biha u ċertament b'nuqqas ta' *proper look-out*. Kieku l-konvenut qasam għal-*lane* ta' barra u huwa u jagħmel dan ma xegħelx l-*indicator,* dan kien ikun ċertament każ ta' responsabbilità kontributorja da parti tal-konvenut. Però mill-konflitt ta' provi u mill-pożizzjoni fejn spiċċat il-vettura tal-konvenut skont l-iskizz tal-Pulizija, ma jirriżultax li kien hemm tali manuvra da parti tal-konvenut.

Ix-xhud Gordon Schembri li jgħid li kien qed isuq wara l-konvenut fil-mument tal-inċident, imma li ma kienx kellem lill-Pulizija fuq il-post tal-inċident biex jagħti l-informazzjoni tant kruċjali li kellu, jallega li baqa' sa ma mar isib lill-attur l-isptar avolja ma kienx jafu u b'kumbinazzjoni reġa' ltaqa' miegħu xhur wara. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax jekk dan ix-xhud kienx ta it-testimonjanza tiegħu fil-proċeduri kriminali.

Il-Qorti hija propensa li ma temmux lil dan ix-xhud għax il-verżjoni tiegħu ftit li xejn hija kredibbli meta titqies fit-totalità tagħha. Dan ix-xhud lanqas kien jaf fejn eżattament spiċċat l-vettura tal-konvenut wara l-inċident u biex jagħti palata lill-attur żejjen ix-xhieda tiegħu billi qal li l-vettura tal-konvenut spiċċat fin-nofs fuq il-*white middle line* bejn iż-żewġ *lanes*, kuntrarjament għal dak li ġie kkonstatat fl-iskizz tal-Pulizija. Il-Qorti għandha dubji serji kemm ix-xhud Gordon Schembri kien fuq il-post fil-mument tal-inċident.

Din il-Qorti hija konvinta bħall-Qorti tal-Maġistrati, mhux għax qagħdet biss fuq l-evalwazzjoni ta' dik il-Qorti, imma abbażi tax-xhieda prodotta f'dawn il-proċeduri, tenut kont ukoll tal-kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-attur u tax-xhud Gordon Schembri u tal-konstatazzjonijiet fl-iskizz tas-Surġent PS 830 Christopher Raymond Debono, li għandu jitqies bħala xhud indipendenti fl-evalwazzjoni tiegħu u fl-iskizz li għamel wara l-inċident, li l-kawża prossima u esklussiva tal-inċident inkwistjoni kien is-sewqan ħażin tal-attur.

In vista tas-suespost, mhuwiex meħtieġ li l-Qorti tidħol fix-xorta ta' danni sofferti mill-attur u fil-*quantum* tagħhom u għaldaqstant lanqas mhuwa meħtieġ fiċ-ċirkostanzi li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut, għax kwalsiasi danni sofferti mill-attur kienu tort u konsegwenza tal-inċident ikkaġunat mill-attur stess.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad l-ewwel talba tal-attur;**

2) **Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tielet talbiet tal-attur kif ukoll tal-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut, billi l-attur Marco Borg kien unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Mejju, 2013 ġewwa Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar.**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-attur Marco Borg.**

Moqrija.